# *F E L I C*

*Skeċċ ta'* M. Mizzi

IL Feliċ l-ewwel darba li rajtu kien għad għandi xi seba' snin. Gie l-ħanut tagħna jixtri ratal ħobż. Ommi kienet ġewwa ssajjar, jien kont nixxiegħel b'xi ħaġa fejn il-bieb. Xħin rajtu dieħel, dħalt qablu u sejjaħt 'l ommi, "Ma, hawn in-nies."

"Hawn qattus", qabeż igħid Feliċ, "mela jien nies, jien qattus. Huwa n-nies bħali? Hawn maħmuġ, naħdem daqs kelb, niekol biċċa ħobż xotta u norqod fuq injama." Xħin tatu l-ħobż telaq iħaffef 'il barra lejn xi ħanut tax-xorb fejn kien ipoġġi jiekol bokkun u jixrob xi pinta.

Dik il-ħabta Feliċ jalla kien għad għandu tletin. Kien dejjem mgħaġġel, jitħadded ma taraħ qatt, b'qalziet jasal sa sidru, wiesa' jasa' tnejn daqsu, imħażżem b'ċinturin, dejjem italla fih. Kien joqgħod f'ġorboġ fi triq imwarrba jaħdem lejl u nhar, ifassal turtieri, stanjati, fanali u egħriebel, itektek u jistanja, nhar ta' Ħadd itellagħhom is-suq għall-bejgħ u meta ma jinbigħux kollha kien idur b'li jibqa' fl-irħula. Ħadd u xogħol festi għalih qatt. Il-Ħadd wara nofs in-nhar kien jinżel jaħsel il-wied jew joħroġ ilaqqat il-bottijiet mormija għal-landa u għall-istann. Għall-ħabta tal-Karnival kien jaħbat jeħla xi ftit, ipenġi xi tamburlin u joħroġ idoqqu fit-tlett ijiem tal-bluh. Mill-bqija, kif għedna, festi qatt.

In-nies malli xammitu daqsxejn stramb, ma ngħidu xejn, għamlet għalih bl-ikrah. Min igħidlu hekk u min iweżwiżlu fuq hekk, kienu jqattgħu siegħa żmien ġmielha. "Feliċ, għax ma tiżżewwiġx", jew "Feliċ, din li għaddejja tgħodd għalik, sabiħa qisha għoġla. Isa, Feliċ, rabbi r-ruħ, dik tgħodd għalik." Xi drabi kienet taqa' fuq l-ikel. "Feliċ, ibża' għal saħħtek. Ħallik mill-ħobż; ixtri xi biċċa laħam u niżżel xi bajda, għax afli sejjer lura bħal granċ." "Feliċ" tiela' u "Feliċ" nieżel bdew imorrulu l-ħanut, imissulu din u dik, beda jonqsu l-martell, beda jitlef l-ispirtu, l-ispiritiera bdiet tintefa, u kienu jitilgħulu sħiħ.

Darba waħda nasbuhielu. "Felic, aqta' x'qal Peppi ta' l-Aħmar? Qal li l-bir ta' San Ġużepp infurrat bl-istann." Feliċ mill-ewwel rafa' rasu. "Immur nara, nara." Qagħdulu għassa u Feliċ balagħha sal-gargi. Tala', ħa qoffa miegħu, rabat ħabel ma' kantun, u ta rkaptu biex jinżel bil-qoffa. Dawk li qagħdu għassa ħarġu mill-moħba u xħin raw li niżel marru fuq il-bir.

"Feliċ, hemm xejn stann? Feliċ, hemm xejn frisk?" "Hawn ma hawnx stann" u qabad biex jitla'. Il-ħabel beda jerħi, Feliċ ta' ruħu b'mirbuħ. "Għid appa, Feliċ!" Wara ħafna li dam jitlobhom tellgħuh sa nofs il-bir u ħallewh jixxejjer hemm. Dawra 'l hawn imbagħad 'l hemm, tixjira 'l hawn u oħra 'l hemm. Xi snin wara rajtu f'ħanut jirrakkonta kif kien idur ġol-qoffa. Kien fih farsa.

Wara dil-praspura, Feliċ beda jaqa' għaċ-ċajt. Wara ftit smajt li f'Bufies rabtuh ma' siġra u ħallewh hemm lejl għall-frisk. Darba oħra jkun rieqed bil-bieb imbexxaq, qabduh, rabtuh u ma nafx fejn ġarrewh b'menża. Meta daħal l-isptar, ma nafx xi ġralu, kienu jidħlulu taħt is-sodda jnewħu bħall-qtates, jerfgħuh minn taħt, jaqalbulu l-paraventu u ħrejjef minn dawn.

Insomma waqa' għaċ-ċajt sew u wara ċ-ċajt ġie l-mard. Saħħtu wkoll bdiet tiċċajta.

L-isptar ma nafx kemm-il darba daħal u ħareġ. X'ħin ikun barra jrid imur l-isptar, xħin ikun l-isptar jrid joħroġ jaħdem għax ix-xogħol irid isir. Kellem kemm-il tabib. Ma nafx min webbillu f'moħħu jkellem professur, u ma nafx kif għamel mar Malta u kellmu.

U hawn ukoll ġie ċ-ċajt. Qalulu li kien hemm bidwi jfejjaq il-morda. Saver, l-avukat iż-żgħir, qallu li jġiblu flixkun xi ħaġa minn għandu biex ifejqu. Saver lesta flixkun żejt tal-magna maħruq, u qal lill-ħbieb x'sa jagħmel. Kellu jieħdu 'l Feliċ nhar is-Sibt, igħidlu jidlek wiċċu u moħħu bih malli jqum u jħallih jinxef fuqu. Kien żgur li Feliċ ma jħaresx lejn idu u lanqas jintebah b'xejn. Stenna li l-Ħadd is-suq kien sejjer ikun hemm x'tara. Stieden lill-ħbieb għad-divertita, ħa l-flixkun lil Feliċ, tah id-direzzjonijit u mar u ħallieh. L-għada mar Saver u sħabu għad-daħka imma did-darba ċ-ċajta ma rnexxietx. Malli lemħu Feliċ sejjaħlu, "Hi, ġibli flixkun ieħor, għax dak li tajtni tarli l-martell għalih u nkiser qabel ma ndlikt."

Il-martell iffrankahielu did-darba. Forsi min jaf kemm-il darba għamilhielu. Praspar minn dawn ġrawlu bil-mijiet. Imma għadu ma għamelx xi bużulotta u żżewweġ, u lanqas ma daħak daħka u qabeż minn fuq sur. Għadu jaħdem u jċekċek, igerger u jgħaddilu. Qarreb il-ħamsin u l-mewt min jaf fejn hi.

L-aħħar li rajtu, waqqafni u qalli: "Int sew, x'qed tagħmel, x'qed tagħmel?" Jien tbissimt, "Idħak, idħak, int sew" raġa' tennieli.

"Min jaf, Feliċ?"